**MARSAXLOKK**

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru 2015, fis-6.30pm.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum is-17 ta' Novembru 2015
Nru 12

## Aġenda

1. Sejħa għall-offerti Nru MXLC03/2015 – Cleaning & Upkeep of Public Conveniences using environmental friendly materials & practices

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 12 (laqgha b'urgenza), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 18 ta' Novembru 2015, fis-6:30 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C..)<br>Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

---

1. Sejha ghall-Offerti numru MXLC03/2015

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**12/01 Sejha ghall-Offerti Numru MXLC03/2015**

12/01/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi sad-data tal-gheluq tal-offerti l-Kunsill Lokali kien ircieva erba' offerti. Mill-offerti mitfugha dik ta' Carmel Cassar kellha xi informazzjoni nieqsa u ghaldaqstant ma setghetx tghaddi ghall-fazi ta' evalwazzjoni. It-tliet offerti l-ohra gew mghoddija lill-adjudication board mahtur mill-Kunsill lokali ghall-evalwazzjoni tas-sejha ghall-offerti in-kwistjoni.

Is-Sur Hall zied jghid illi l-bord kien wasal ghall-konkluzjoni illi l-aktar offerta vantaggjuza kienet dik tas-sur Saviour Mifsud li kien offra li jaghmel ix-xogholijiet mitluba ghal €27 450 fis-sena. Madanakollu l-istess bord xtaq illi jinghata stampa cara ta' kif kien u ser ikunu qieghdin jithallsu l-impjegati tas-sur Mifsud u ghaldaqstant qabel ma ghamel ir-rakkomandazzjoni tieghu, talab lis-Sur Mifsud sabiex jipprezenta dokument li permezz tieghu jelenka l-pagi tal-impjegati. Sussegwentement, is-Sur Mifsud ipprezenta rapport (li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti) li permess tieghu ghadda d-dettalji mitluba mill-*adjudication board*. Wara li evalwa d-dokument imsemmi l-bord kien ha decizjoni u nanima illi jaghmel rakkomandazzjoni lill-Kunsill Lokali sabiex is-sejha ghall-offerti tinghata lis-Sur Saviour Mifsud.

Is-Sur Horace Gauci qal illi fl-opinjoni tieghu, il-bord kien ghamel xoghol tajjeb u kien offra li ll-Kunsill Lokali stampa cara tas-sitwazzjoni. Huwa zied jghid illi

ghaldaqstant fl-opinjoni tieghu, is-sejha kellha tigi aggudikata lis-Sur Saviour Mifsud. Is-Sur Steven Grech issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima biex b'hekk sejha ghall-offerti numru MXLC03/2015 giet aggudikata lis-Sur Saviour Mifsud.

Horace Gauci
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

2/12/15
Data

Mifsud Salvu
Marsaxlokk Local Council Tender

| | | |
|---|---|---|
| | | 1 full time<br>no overtime |
| Basic hourly wage | | 8,736.52 |
| NI Employer | | 873.65 |
| Bonuses | | 512.46 |
| Vacation leave | | 806.40 |
| Public Holidays | 104 hrs | 436.80 |
| part timer 2 | | 3,494.40 |
| overtime X 1.50 | 182hrs | |
| overtime X 2.00 winter | | |
| overtime X 2.00 summer | | |
| 2nd employee Sunday winter | | 1,965.60 |
| 2nd employee Sunday summer | | 764.40 |
| Sick Leave | 30 days | 1,008.00 |
| Total Minimum Hourly Workers' cost | | **18,598.23** |
| Management Fee 5% | | 929.91 |
| Total | | 19,528.14 |
| Vat | | 3,515.07 |
| Grand Total | | **23,043.21** |
| | vat included | |
| Tender Document | 27,450.00 | |
| Profit | | 4,406.79 |

RICHARD J. SALIBA
BA HONS ACCTY FIA CPAA
ACCOUNTANT & AUDITOR
TEL. 21481765 99425827